## Tmexxija u Governanza

Tmexxija b'saħħitha u governanza tajba huma kruċjali għall-iżvilupp ta' kultura intraprenditorjali u innovattiva fi ħdan l-Istituzzjoni ta' Edukazzjoni Għolja (HEI - higher education institution). Ħafna istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja jinkludu l-kliem "intrapriża" u "intraprenditorija" fid-dikjarazzjoni tal-missjoni tagħhom, iżda f'istituzzjoni intraprenditorjali dan ifisser aktar minn referenza. Din it-taqsima telenka wħud mill-fatturi importanti li tista' tqis istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja sabiex issaħħaħ l-aġenda intraprenditorjali tagħha.

1. L-intraprenditorija hija parti ewlenija mill-istrateġija tal-istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja.

2. Hemm impenn f'livell għoli biex tiġi implimentata l-aġenda intraprenditorjali.

3. Hemm mudell fis-seħħ għall-koordinazzjoni u l-integrazzjoni tal-attivitajiet intraprenditorjali fil-livelli kollha tal-istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja.

4. L-istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja tħeġġeġ u tappoġġa l-fakultajiet u l-unitajiet sabiex jaġixxu b'mod intraprenditorjali.

5. L-istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja hija xprun għall-intraprenditorija u l-innovazzjoni fl-iżvilupp reġjonali, soċjali u komunitarju.

## Kapaċità Organizzattiva: Finanzjament, Nies u Inċentivi

Il-kapaċità organizzattiva tal-istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja tixpruna l-kapaċità tagħha li twettaq l-istrateġija tagħha. Jekk l-istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja hija impenjata li twettaq attivitajiet intraprenditorjali biex jigu appoġġjati l-għanijiet strateġiċi tagħha, ir-riżorsi ewlenin bħall-finanzjament u l-investimenti, in-nies, il-kompetenza esperta u l-għarfien, u s-sistemi ta' inċentivi jeħtieġ li jiġu stabbiliti biex isostnu u jkabbru l-kapaċità tagħha għall-intraprenditorija.

1. L-għanijiet intraprenditorjali huma appoġġati minn firxa wiesgħa ta' sorsi ta' finanzjament u ta' investiment sostenibbli.

2. L-istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja għandha l-kapaċità u l-kultura biex tibni relazzjonijiet u sinerġiji ġodda fl-istituzzjoni kollha.

3. L-istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja hija miftuħa biex tinvolvi u tirrekluta individwi b'attitudnijiet, imġiba u esperjenza intraprenditorjali.

4. L-istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja tinvesti fl-iżvilupp tal-persunal għall-appoġġ tal-aġenda intraprenditorjali tagħha.

5. Tagħti inċentivi u benefiċċji lill-persunal li jappoġġa b'mod attiv l-aġenda intraprenditorjali.

### Tagħlim Intraprenditorjali (Teaching u Learning)

It-tagħlim intraprenditorjali jinvolvi l-esplorazzjoni ta' metodi ta' tagħlim innovattiv u s-sejba ta' modi biex jiġu stimolati mentalitajiet intraprenditorjali. Dan ma jittrattax biss tagħlim dwar l-intraprenditorija, iżda jittratta wkoll il-fatt li wieħed ikun espost għal esperjenzi intraprenditorjali u jakkwista l-ħiliet u l-kompetenzi għall-iżvilupp ta' mentalitajiet intraprenditorjali.

1. L-istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja tipprovdi opportunitajiet differenti ta' tagħlim formali biex jiġu żviluppati mentalitajiet u ħiliet intraprenditorjali.

2. L-istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja tipprovdi opportunitajiet u esperjenzi differenti ta' tagħlim informali biex tistimola l-iżvilupp ta' mentalitajiet u ħiliet intraprenditorjali.

3. L-istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja tivvalida r-riżultati ta' tagħlim intraprenditorjali li jixprunaw it-tfassil u l-eżekuzzjoni tal-kurrikulu intraprenditorjali.

4. L-istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja tfassal u tipprovdi l-kurrikulu flimkien mal-partijiet esterni ikkonċernati.

5. Ir-riżultati tar-riċerka tal-intraprenditorija huma integrati fl-offerta tal-edukazzjoni intraprenditorjali.

### Tħejjija u Appoġġ lill-Imprendituri

L-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja jistgħu jgħinu lill-istudenti, lill-gradwati u lill-persunal biex jikkunsidraw l-opprotunità li jibdew negozju bħala għażla ta' karriera. Fil-bidu huwa importanti li l-individwi jingħataw l-għajnuna biex jirriflettu fuq l-għanijiet kummerċjali, soċjali, ambjentali jew tal-istil ta' ħajja relatati mal-aspirazzjonijiet u mal-intenzjonijiet intraprenditorjali tagħhom. Għal dawk li jiddeċiedu li jipproċedu biex jibdew negozju, jew tip ieħor ta' impriża, tista' mbagħad tiġi offruta assistenza mmirata fil-ħolqien ta' idea, fl-evalwazzjoni u fl-aġir abbażi ta' din l-idea, sabiex jinbnew il-ħiliet meħtieġa għal intraprenditorija ta' suċċess, u fuq kollox biex jinstabu membri tat-tim rilevanti u jinkiseb aċċess għal finanzjamenti xierqa u għal netwerks effettivi. Fl-offerta ta' dan l-appoġġ, l-istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja għandha idealment taġixxi bħala parti minn ekosistema usa' ta' appoġġ tan-negozju aktar milli topera b'mod iżolu.

1. L-istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja iżżid l-għarfien tal-valur tal-intraprenditorija u tistimola l-intenzjonijiet intraprenditorjali tal-istudenti, tal-gradwati u tal-persunal biex jibdew negozju jew impriża.

2. L-istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja tappoġġa lill-istudenti, il-gradwati u l-persunal tagħha biex jimxu minn ġenerazzjoni ta' idea għall-ħolqien tan-negozju.

3. It-taħriġ huwa offrut biex jgħin lill-istudenti, lill-gradwati u lill-persunal fil-bidu, fit-tmexxija u fit-tkabbir ta' negozju.

4. Il-mentoraġġ u forom oħra ta' żvilupp personali huma offruti minn individwi b'esperjenza mill-akkademja jew l-industrija.

5. L-istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja tiffaċilita l-aċċess għall-finanzjament għall-imprendituri tagħha.

6. L-istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja toffri jew tiffaċilita l-aċċess għall-inkubazzjoni tan-negozju.

## It-Tranżizzjoni u l-Kapaċità Diġitali

Minkejja l-fatt li l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja diġà qed jiżviluppaw teknoloġiji diġitali, l-użu u l-integrazzjoni tagħhom ivarjaw kemm fost l-istituzzjonijiet, kif ukoll fi ħdanhom. L-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja għandhom jaħtfu bis-sħiħ l-opportunitajiet li ġġib magħha t-tranżizzjoni diġitali u jikkunsidraw it-teknoloġiji diġitali bħala faċilitatur ewlieni. Din it-taqsima tal-awtovalutazzjoni tipprovdi għadd ta' dikjarazzjonijiet li jirriflettu fuq il-kapaċità diġitali tal-istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja, jiġifieri kemm hi kapaċi tintegra, tottimizza u tittrasforma t-teknoloġiji diġitali biex jappoġġjaw l-innovazzjoni u l-intraprenditorija.

1. L-istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja trawwem kultura diġitali bħala mezz għall-innovazzjoni u l-intraprenditorija.

2. L-infrastruttura diġitali hi ppjanata, immaniġġjata u mtejba kontinwament biex taqbel mal-viżjoni, il-missjoni u l-istrateġija tal-istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja innovattiva.

3. L-Istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja hi impenjata li tgħallem, titgħallem u tassessja bi prattiki diġitali.

4. Ix-xjenza miftuħa u l-prattiki tal-innovazzjoni huma mifruxa mal-istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja kollha.

5. L-istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja għandha preżenza diġitali dinamika li tappoġġja l-attivitajiet kollha tagħha.

## Skambju tal-Għarfien u Kollaborazzjoni

L-iskambju tal-għarfien huwa katalist importanti għall-innovazzjoni organizzattiva, għall-avvanz tat-tagħlim u r-riċerka, u għall-iżvilupp lokali. Huwa proċess kontinwu li jinkludi t-"tielet missjoni" tal-istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja, definita bħala l-istimolu u l-applikazzjoni u l-isfruttament dirett tal-għarfien għall-benefiċċju tal-iżvilupp soċjali, kulturali u ekonomiku tas-soċjetà. Il-motivazzjoni għal aktar kollaborazzjoni u skambju tal-għarfien hija li l-ħolqien ta' valur għall-istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja u għas-soċjetà.

1. L-istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja hija impenjata li tikkollabora u tiskambja l-għarfien mal-industrija, mas-settur pubbliku u mas-soċjetà.

2. L-istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja turi involviment attiv fis-sħubiji u r-relazzjonijiet ma' firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati.

3. L-istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja għandha rabtiet qawwija mal-inkubaturi, mal-parks tax-xjenza u ma' inizjattivi esterni oħra.

4. L-istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja tipprovdi opportunitajiet għall-persunal u għall-istudenti biex jieħdu sehem f'attivitajiet innovattivi man-negozji / mal-ambjent estern.

5. L-istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja tintegra attivitajiet ta' riċerka, edukazzjoni u industrija (komunità usa') biex tisfrutta għarfien ġdid.

## Istituzzjoni Internazzjonalizzata

L-internazzjonalizzazzjoni hija l-proċess ta' integrazzjoni ta' dimensjoni internazzjonali jew globali fit-tfassil u fl-għoti tal-edukazzjoni, ir-riċerka u l-iskambju tal-għarfien. L-internazzjonalizzazzjoni mhijiex għan fiha nfisha, iżda mezz għall-bidla u t-titjib. Din tintroduċi modi alternattivi ta' ħsieb, tqajjem dubji dwar metodi ta' tagħlim tradizzjonali, u tiftaħ it-triq għall-governanza u l-maniġment għall-partijiet esterni ikkonċernati. Għalhekk, hija marbuta b'mod qawwi ħafna mal-fatt li hija intraprenditorjali. Madankollu, possibbli li l-istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja tkun intraprenditorjali mingħajr ma tkun internazzjonali, iżda l-istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja tista' tkun internazzjonali mingħajr ma tkun intraprenditorjali jew innovattiva.

1. L-internazzjonalizzazzjoni hija parti integrali mill-aġenda intraprenditorjali tal-istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja.

2. L-istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja tappoġġa b'mod espliċitu l-mobilità internazzjonali tal-persunal u tal-istudenti tagħha.

3. L-istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja tfittex u tattira persunal internazzjonali u intraprenditorjali.

4. Il-perspettivi internazzjonali huma riflessi fl-approċċ tal-istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja lejn it-tagħlim.

5. Id-dimensjoni internazzjonali hija riflessa fl-approċċ tal-istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja lejn ir-riċerka.

## Kejl tal-Impatt

L-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja intraprenditorjali / innovattivi jeħtieġ li jifhmu l-impatt tal-bidliet li jġibu magħhom fl-istituzzjoni tagħhom. Il-kunċett ta' l-istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja intraprenditorjali / innovattiva jgħaqqad l-awtoperċezzjoni istituzzjonali, ir-riflessjoni esterna u l-approċċ ibbażat fuq l-evidenza. Madankollu, il-kejl tal-impatt fl-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja għadu mhux żviluppat biżżejjed. Il-kejl attwali tipikament jiffoka fuq il-kwantità ta' spin-offs, il-volum u l-kwalità tal-ġenerazzjoni tal-proprjetà intellettwali u l-ġenerazzjoni tad-dħul mir-riċerka, aktar milli fuq l-intraprenditorija tal-gradwati, ir-riżultati tat-tagħlim, iż-żamma tat-talent, il-kontribuzzjoni għall-iżvilupp ekonomiku lokali jew l-impatt tal-aġenda intraprenditorjali usa'. Din it-taqsima tidentifika l-oqsma fejn l-istituzzjoni tista' tkejjel l-impatt.

1. L-istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja tivvaluta b'mod regolari l-impatt tal-aġenda intraprenditorjali tagħha.

2. L-istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja tivvaluta b'mod regolari kif il-persunal u r-riżorsi tagħha jappoġġaw l-aġenda intraprenditorjali tagħha.

3. L-istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja tivvaluta b'mod regolari t-tagħlim intraprenditorjali fl-istituzzjoni.

4. L-istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja tivvaluta b'mod regolari l-impatt tal-appoġġ għal negozju ġdid.

5. L-istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja tivvaluta b'mod regolari l-iskambju tal-għarfien u l-kollaborazzjoni.

6. L-istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja tivvaluta b'mod regolari l-attivitajiet internazzjonali tal-istituzzjoni fir-rigward tal-aġenda intraprenditorjali tagħha.